MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI RIMANDANTI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2006

Numru. 408/2006

Il-Pulizija
(Spettur Raymond Aquilina)
vs
John Mary Chircop
Estradizzjoni 408/06

Illum 14 ta' Novembru 2006.

L-QORTI

Rat il-presentata Quddiemha, u taht arrest, ta' John Mary Chircop li huwa imfittex mill-awtoritajiet gudizzjarji tal-Commonwealth ta' l-Awstralja, pajjiz barrani, imsemmi ghal finijiet tal-Artikolu 4 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, ghal sbatax il-reat, talli fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Novembru 2003 u it-8 ta' Settembru 2004, gewwa Hoppers Crossing, fl-Istat ta' Victoria, fl-Awstralja, wettaq attentat ghall-pudur vjolenti u stupru fuq Natalie Siciliano, minuri ta' taht l-

erbatax il-sena, liema akkuzi huma elenkati fid-dokument intestat "*Affidavit of Prosecutor*" li jifforma parti mid-dokumentazzjoni li qed tigi esebita prezenzjalment u mmarkata bhala Dok AG skond kif debitament konfermat taht gurament mill-ispettur Raymond Aquilina.

Rat il-mandat ta' arrest provizorju mahrug mill-Qorti kif diversament preseduta, fil-konfront ta' John (Mary) Chircop (fol 15 tal-atti).

Rat l-Awtorita ghall-procediment mill-Awtorita kompetenti skond il-ligi in materja kif ukoll l-"skeda X" annessa ma' l-istess Awtorita (fol 335 sa fol 340 tal-atti).

Rat l-eccezzjoni sottomessa mid-difiza ta' John Mary Chircop, minn issa 'l quddiem maghruf bhal "il-persuna" fis-sens li dan ma hux f'pozizzjoni li jitmexxew dawn il-proceduri fil-konfront tieghu ('unfit to stand trial'), stante li jbati minn kundizzjoni psikjatrika akuta, kif ukoll it-talba maghmula in rigward l-istess eccezzjoni (fol 314 u fol 315 ibid).

Rat id-digriet taghha (a fol 361 u fol 362 tal-istess atti) u li bih din il-Qorti nnominat tlett esperti psikjatrici ghal dan il-ghan sabiex dawn jaghtu is-sottomissjoniet taghhom dwar l-allegazzjoni ta' genn tal-persuna fiz-zmien ta' dawn il-proceduri ghall-estradizzjoni tieghu (Ara wkoll fol 342 ibid, kif ukol id-digriet ulterjuri in rigward is-sostituzzjoni ta' wiehed minn dawn l-esperti a fol 363 ibid).

Rat ir-relazzjoni sottomessa mill-istess esperti a fol 374 sa fol 389 ibid kif ukoll semghet ix-xhieda tal-espert psikjatra Dottor Joseph Spiteri (a fol 383 u fol 394 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kaz specjalment dak verbalizzat a fol 393 ibid.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher minn dak li gie premess u mill-atti tal-kawza, id-difiza tal-persuna li taghha qed tintalab l-estradizzjoni,

hi bazata fuq l-artikolu 402 (1) (a), (3) u (6) tal-Kodici Kriminali fis-sens li qed jigi allegat illi l-persuna qed tbati minn genn fiz-zmien ta' dawn il-proceduri, li permess taghhom qed tintalab l-estradizzjoni (ara d-digriet gia msemmi a fol 361 u 362 tal-istess atti).

Illi l-eperti nominati ghal dan il-ghan issottomettew (ara fol 379 u fol 389 ibid) illi l-istess John Mary Chircop kellu tfulija difficli, u hafna relazz-jonijiet differenti li setghu jigu riflessi mill-personalita tieghu. In oltre, f'certi zminijiet matul hajtu kellu xi kundizzjonijiet ta' psikolosi li jidhru li gew ikkontrollati u li issa jistghu jigi deskritti bhala '*encapsulated'*.

Fil-fatt ma jidhirx li kien hemm indikazzjoni li d-disturb psikjatriku tieghu qed jaffetwa l-gudizzju tieghu jew il-volonta, u mill-aspett psikjatriku hu *"fit to stand trial and fit to plead".*

Dwar din il-konkluzzjoni, sottomessa mill-istess esperti, gie eskuss it-Tabib Joseph Spiteri (fol 383 u fol 394 et seq ibid) u dan f'isem ukoll iz-zewg esperti l-ohra psikjatrici (ara fol 373, fol 382 u fol 393 ibid).

Minn din ix-xhieda ma tistax ma ssirx enfasi ghal dak li xehed l-istess tabib psikjatriku dwar il-kapacita tal-persuna sabiex tigi sottomessa ghal dawn il-proceduri. Dan l-espert li hu wkoll it-tabib psikjatra kuranti tal-istess persuna, fil-Forensic Unit tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li tinsab fl-isptar Monte Carmeli, kien irrakkomanda, anzi kien mehtieg, li l-istess persuna ghandha tinzamm fl-istess unit. Pero mill-ezamijiet psikjatrici li kienu saru fuq il-persuna, kif dettaljatament deskritti fir-relazzjoni psikjatrika, l-istess persuna kienet kapaci li tifhem in-natura tal-akkuzi kif hemm migjuba kontra taghha, tifhem x'inhi d-differenza bejn hati u mhux hati, hi kapaci li tikkomunika mad-difensur jew difensuri taghha u li ssegwi l-proceduri u li tifhem il-provi prodotti. Ghalhekk kien jidher, illum, li l-persuna kienet "fit to plead". In oltre, kien jidher li l-persuna kienet kapaci li tattendi l-Qorti u jkun fl-awla fejn qed isiru l-proceduri relattivi in vista li ma gietx

innotata l-presenza ta' "certu disturb mentali" li jammonta ghal "mania".

Illi a bazi ta dak li ghadu kemm saret referenza ghalih jidher evidenti illi l-persuna hi 'fit to plead' u 'fit to stand trial' u ghalhekk l-eccezzjoni in ezami ghandha tigi respinta.

Ikkunsidrat

Illi avolja din kienet l-unika eccezzjoni sottomessa mill-persuna, din il-Qorti xorta wahda rat u analizzat l-atti kollha sabiex tara jekk effettivament dan il-kaz jissodisfa l-hekk imsejjah "*prima facie*" u sabiex taccerta ruhha illi trattasi ta' '*extraditable offence*" jew "*offences'*.

Illi gew analizzati l-provi prodotti waqt dawn il-proceduri (minn fol 17 sa fol 305 u minn fol 328 sa fol 334 tal-atti), peress li avolja ma saret l-ebda kontestazzjoni, xorta wahda hu d-dmir tal-Qorti Rimandanti li tara li l-persuna ghandha "a prima facie case to answer" quddiem l-Awtorita Gudizzjarja barranija li qed titlob l-estradizzjoni taghha, u minn din l-analizi, li saret a bazi tal-artikolu 15 (3) (a) tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta, jidher li l-istess persuna tista, ragonevolment, tinstab hatja tal-akkuzi in ezami a bazi tal-istess provi minghajr ma din il-Qorti, b'xi mod, qed tiddeciedi l-mertu tal-istess akkuzi.

Ikkunsidrat

Illi dwar jekk l-istess akkuzi humiex estradibbli o meno, skond kif jinghad fl-artikolu 5 tal-istess Kapitolu citat, abbinat max-schedule anness mal-istess Kapitolu, din il-Qorti trid tiddetermina jekk l-istess akkuzi kienu kommessi hawn Malta, kienux jammontaw ghal delitt jew delitti taht il-ligi lokali, u l-istess delitti ghandhom ikunu suggetti ghall-piena ta' tnax il-xahar jew aktar. F'dan ir-rigward jkun sufficjenti li ssir referenza ghall-artikoli 198, 203(1), 207 u l-artikolu 18 kollha tal-Kodici Kriminali nostran.

Mill-ezami ta'dawn l-artikoli jidher car illi kieku l-persuna kkomettiet id-delitti in ezami hawn Malta, hi kienet tkun

rinfaccjata b'akkuzi taht l-artikoli li ghadhom kemm gew citati.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk il-konkluzzjoni ta' dawn il-proceduri ghandha tkun li l-persuna tista tintbaghat lura lill-Awtorita Gudizzjarja barranija li qed titlob l-estradizzjoni taghha in vista li:

a) Il-persuna hi 'fit to plead' u 'fit to stand trial' peress li rrizulta illi hi ghandha l-kapacitajiet kollha skond il-ligi ossija "la capacita di intendere" rikjesta f'dan l-istadju tal-proceduri.

b) Gew sodisfatti l-elementi kollha a bazi tal-artikolu 8 u l-artikolu 15 (3) tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tordna illi l-persuna, John Mary Chircop, tinzamm taht kustodja sabiex tistenna t-tnehhija lura u l-estradizzjoni taghha lejn l-Awstralja.

In oltre l-istess Qorti, wara li rat l-artikolu 16 tal-Kapitolu 276 citat, qed tinforma lill-istess persuna, illi ma tistax tigi mreggja lura qabel ma jiskadu hmistax-il (15) jum mid-data ta' din l-Ordni, u li hi tista tinterponi appell minn din id-decizzjoni lill-Qorti tal-Appell Kriminali. L-istess Qorti qed tinforma wkoll lill-istess persuna, illi jekk thoss u tahseb illi fl-artikolu 10 (1) u (2) tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta gew miksurin, jew li kwalunkwe artikolu tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja gew, jew sejrin jigu miksura b'tali mod li hu gustifikat illi din l-ordni tigi mnehhija, annullata jew modifikata, hi ghandha d-dritt li tapplika ghal rimedji a bazi tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skond il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------